**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Numru 330/2024 MS*

**Lorraine Falzon u Matthew Pace u Zenith Finance Limited**

**Vs.**

**L-Avukat tal-Istat u il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja**

Illum, 14 t'April, 2025

Kawża Numru: 2Kost

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors preżentat mir-rikorrenti fl-4 ta' Lulju 2024 li bih wara li ppremettew kif ġej:

> Illi r-rikorrenti Lorraine Falzon u Matthew Pace huma l-uniċi azzjonisti tas-soċjeta rikorrenti Zenith Finance Limited gia MFSP Financial Management Limited. Din is- soċjeta' kienet illiċenzjata mill-Malta Financial Services Authority

sabiex tipprovdi servizzi ta' investiment (it-tieni kategorija) skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 370 tal- Liġijiet ta' Malta;

Illi r-rikorrenti lkoll jinsabu akkużati b'reati kontra d-disposizzjonijiet tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-proċeduri kriminali fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Matthew Pace et qed jistenna ċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri quddiem il-Qorti Kriminali;

Illi f'dawn il-proċeduri kriminali r-rikorrenti preżentaw l-eċċezzjonijiet sabiex jiddefendu ruħhom mill-akkużi kriminali fuq rifertura;

Illi fost l-eċċezzjonijiet preżentati mir-rikorrenti insibu l-eċċezzjoni tal-ġudikat jew *ne bis in idem*;

Illi numru ta' snin qabel, u cioe' waqt li l-proċeduri kriminali kienu għadhom quddiem il-Qorti Istruttorja, u cioe fl-24 ta' Novembru, 2021, ir-rikorrenti preżentaw ukoll proċeduri kostituzzjonali dwar l-element tal-ġudikat jew *ne bis in idem* permezz tal-kawża fl-ismijiet "Lorraine Falzon et vs L-Avukat Ġenerali et" (Rikors Kost nru 764/2021). Dina l-kawża għadha pendenti;

Illi ir-retroxena wara dina l-eċċezzjoni tal-ġudikat tibda fid-19 t'April, 2016 u sussegwentament fis-7 ta' Diċembru, 2017 meta r-rikorrenti irċevew ittri mill-Financial Intelligence Analysis Unit fejn ġew informati illi kienet inbdiet investigazzjoni kontra tagħhom (bin-numru tal-każ 474759/16) u li l-każ kien ġie riferut lill-Compliance Monitoring Committee. F'din l-ittra l-FIAU qalet li l-investigazzjoni kienet dwar numru ta' persuni li magħhom s-soċjeta rikorrenti kienet bdiet relazzjoni fl-2011 u l-2012 rispettivament (DOK LF1A u DOK LF1B);

Illi f'din l-ittra s-soċjeta rikorrenti ġiet infurmatha wkoll illi hija kienet qed tiġi meqjusa li potenzjalment kisret l-obbligi tagħha skond ir-regolament 15(6) tal-leġislazzjoni sussidjarja 373.01;

Illi permezz ta' ittra sussegwenti datata it-18 ta' Mejju, 2018, u b'referenza għall-istess każ, is-soċjeta rikorrenti ġiet avżatha illi l-Compliance Monitoring Committee kien sab illi s-soċjeta rikorrenti kisret diversi regolamenti tal-leġislazzjoni sussidjarja fuq riferuta u konsegwentament l-istess kumitat kien iddeċieda li jimponi penali amministrattiva li tammonta għal Euro38,750 li kellha tiġi mħallsa fi żmien għoxrin ġurnata (DOK LF2);

Illi fl-20 ta' Ġunju, 2018, is-soċjeta' rikorrenti irċeviet ittra oħra mill-FIAU indirizzata lid-diretturi tas-soċjeta rikorrenti (ossija ż-żewġ rikorrenti l-oħra f'dina l-kawża) fejn ġiet infurmatha illi ġialadarba kien għadda t-terminu tal-appell ta' għoxrin ġurnata, is-somma rappreżentanti l-penali kienet dovuta u li jekk ma titħallasx fi żmien erbatax -il

ġurnata kienu ser jiġu preżentati l-mandati ta' sekwestri opportuni (DOK LF3);

Illi l-multa thallset ftit jiem wara (DOK LF4);

Illi mbagħad u kif ingħad aktar il-fuq, nhar 1-20 ta' Marzu, 2021 ir-rikorrenti f'dina l-kawża tressqu bl-arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati akkużati f'isimhom proprju u bħala diretturi tas-soċjeta rikorrenti talli bejn is-sena 2008 u l-2020 għamlu atti ta' Money Laundering;

Illi nhar 1-14 ta' Ġunju, 2021 waqt is-smiegħ tal-kumpilazzjoni tar-rikorrenti, il-Avukat Ġenerali produca rappreżentant tal-FIAU sabiex tixhed dwar l-investigazzjonijiet li għamlet 1-FIAU dwar ir-rikorrenti u wkoll dwar il-penali amministrattivi imposti fuq l-istess soċjeta. Din ir-rappreżentant irrifjutat li twieġeb domandi tad-difiża u kien biss wara li l-Qorti ordnat l-arrest tagħha illi wieġbet b'mod limitat ħafna numru żgħir ta' domandi;

Illi sussegwentament kemm quddiem fil-proċeduri kostituzzjonali u l-proċeduri kriminali fuq imsemmija, il-Korp u l-Avukat tal-Istat oġġezzjonaw għal numru ta' talbiet tar-rikorrenti sabiex jipproduċu bħala xhieda, sabiex jiddefendu ruħhom, uffiċjali tal-Korp sabiex jippreżentaw dokumenti u jagħtu x-xhieda tagħhom dwar l-investigazzjonijiet li wasslu għall-imposizzjoni tal-penali mħallsa mis-soċjeta' rikorrenti;

Illi forsi l-akbar impediment serju kienu żewġ digrieti tal-Qorti Kriminali li permezz tagħhom l-istess Qorti fl-ewwel lok laqgħet talba tal-Korp biex l-uffiċjali tagħha ma jixhdux u fit-tieni lok ċaħdet talba tar-rikorrenti biex tirrikonsidra d-deċiżjoni tagħha li l-uffiċjali tal-Korp ma jistgħux jixhdu (Ara rikorsi u digrieti annessi bħala Dok LF5);

Illi l-pern tal-kwistjoni hija l-Artikolu 34(1) tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta illi jipprovdi illi:

34. (1) Il-Korp, u l-uffiċjali, l-impjegati u l-aġenti tiegħu, sew jekk ikunu għadhom fis- servizz tal-Korp sew jekk le, għandhom jittrattaw kull informazzjoni u dokument li huma jiksbu fit-twettiq ta' dmirijiethom jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att bħala kunfidenzjali, u ma għandhom jikxfu ebda informazzjoni jew dokument li jkollhom x'jaqsmu mal-affarijiet tal-Korp jew ta' xi persuna, li huma jkunu kisbu fit- twettiq ta' dmirijiethom jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att ħlief:

(a) meta jkunu awtorizzati jagħmlu dan taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;
(b) għall-fini tal-qadi ta' dmirijiethom jew l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att;
(c) quddiem xi qorti jew tribunal kompetenti fi procedimenti ta' appell li jkunu saru skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu

13A, jew fi procedimenti li l-Korp ikun parti fihom għall-fini tal-infurzar ta' xi piena imposta mill-Korp taħt dan 1-Att; u (d) fil-forma ta' ġabra ta' data jew informazzjoni statistika oħra, li fl-opinjoni tal-Korp ma twassalx għall-identifikazzjonita' xi persuna speċifika u li ma tippreġudika ebda analisi jew investigazzjoni.

Illi bħala stat ta' fatt is-subartikolu (c) tal-artikolu fuq riferut jippermetti lil uffiċjali tal- Korp jixhdu biss quddiem Qorti jew Tribunal Kompetenti fi proċedui ta' appelli mill-imposizzjoni ta' multi amministrattivi jew fi proċeduri ta' infurazar tal-istess multi;

Illi dan ifisser in suċċint li fil-waqt li l-Liġi tippermetti lil Korp jixhed fi proċeduri intizi biex jimponu multi jew sabiex jiġu infurzati l-istess multi, fi proċeduri fejn persuni akkużati qed jiddefendu rwieħhom minn akkużi kriminali serjissimi u fejn ix-xhieda tal-uffiċjali tal- Korp aktarx iva milli le taf tkun determinanti għad-difiża mressqa mill-akkużati, l-Uffiċjali tal-Korp ma jixhdux għax il-liġi ma tippermettilhomx illi jixhdu. Din il-fehma tal-Korp qed tiġi abbraċċjata wkoll mill-Qorti Kriminali;

Illi dan qed jingħad f'kuntest fejn ir-rikorrenti qed isostnu li l-fatti li dwarhom ir-rikorrenti ġew penalizzati mill-Korp huma essenzjalment l-istess għal-fatti li sussegwentament inħarġu l-akkużi penali. Il-multa "amministrattiva" imposta hija ta' entita' li tekwiparaha jew tirrendiha f'piena penali. Ir-rikorrenti għaldaqstant qed jiġu mwaqqfa mil-Liġi stess milli jipproduċu l-aqwa prova sabiex jiddefendu lilhom infushom minn akkużi ta' natura kriminali;

Illi dawn huwa każ klassiku u serjissimu ta' inugwaljanza tal-armi li jsarraf f'leżjoni tad- dritt li persuni akkużati, f'dan il-każ ir-rikorrenti, jkollhom smiegħ xieraq, dritt protett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewrepea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi għaldaqstant qegħdha ssir dina l-kawża;

Illi r-rikorrenti jafu personalment b'dawn il-fatti kollha hawn fuq dikjarati

għaddew biex jitolbu lil din il-Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-Artikolu 34(1) tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta jilledi d-dritt fundamentali tar-rikorrenti li jingħataw smiegħ xieraq u dan bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l- Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

> 2. Tiddikjara konsegwentement illi l-Artikolu 34(1) tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta, f'dawk il-partijiet fejn ma jippermettix lil uffiċjali tal-Korp jixhdu meta jkunu hekk ordnati mill-Qrati, huwa null u bla effett, *erga omnes*, jew inkella fil-konfront tar-rikorrenti;
>
> 3. Tordna lic-Chairperson tal-Korp u lil rappreżentanti jew ex rappreżentanti tal-korp jixhdu u jippreżentaw dokumenti fejn ikun il-każ, relatati biss mal-investigazzjoni mertu tad-difiża tal-ġudikat mressqa mir-rikorrenti kemm fil-proċeduri kostituzzjonali kif ukoll f'dawk kriminali kif indikati f'dina l-kawża;
>
> 4. Tieħu dawk il-provvedimenti li hija tħoss neċessarji sabiex jiġu salvagwardati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.
>
> Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa ingunti għas-subizzjoni.

2. Rat ir-risposta mressqa mill-Korp intimat fit-8 t'Awwissu 2024[1], li permezz tagħha, flimkien ma' sottomissjonijiet sabiex jelabora d-difiża tiegħu, fil-qosor eċċepixxa kif ġej:

> (i) Preliminarjament, safejn ir-rikors qiegħed jattakka l-liġi nfisha, il-Korp mhuwiex il-leġittimu kontradittur għall-ilment tar-Rikorrenti, u għalhekk, anke f'każ illi t-talbiet jintlaqgħu, m'għandux ibati spejjeż tal-proċeduri.
>
> (ii) B'żieda ma' dan jingħad illi l-Korp ma jistax jitqies responsabbli ta' xi ksur ta' jeddijiet tar-rikorrenti għaliex huwa u l-uffiċjali tiegħu qegħdin jottemperaw ruħhom ma' ligi illi huwa obbligat li jsegwi.
>
> (iii) Kwalunkwe' allegat ksur ta' smiegħ xieraq irid jitqies f'kuntest holistiku.
>
> (iv) Bla ħsara għas-suespost, u fil-mertu l-obbligu tal-kunfidenzjalità u l-projbizzjoni li uffiċjali tal-Korp jiġu mġiegħla jixhdu ma jiksrux il-jeddijiet tar- rikorrenti u huma miżuri li huma raġonevolment ġustifikabbli għar-raġunijiet li ser jiġu spjegati.

3. Rat ir-risposta preżentata fis-6 t'Awwissu 2024 mill-Avukat tal-Istat[2], li fiha ntqal hekk:

[1] Fol.43.
[2] Fol.60.

1. Illi in linea preliminari, DOK LF1A, DOK LF1B u LF2 għandhom jiġu sfilzati għaliex: (i) dawn id-dokumenti huma ta' natura kunfidenzjali (ara l-kliem 'secret' u 'strictly confidential'), (ii) il-kwistjoni odjerna hija waħda purament legali (di fatti tali dokumenti m'għandhom xejn x'jaqsmu mal-ilment li huma għandhom kontra l-artikolu 34(1) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta), kif ukoll għaliex (iii) diġa' ngħata digriet minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta dwar il-fatt li dawn l-istess dokumenti m'għandhomx jiġu ppreżentati kemm għaliex ma humiex relevanti, kif ukoll għaliex jirrigwardaw terzi persuni. Jidher ċar li dak li r-rikorrenti ma tħallewx jagħmlu minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta f'kawża kostituzzjonali oħra bin-numru 764/2021 permezz ta' digriet datat 3 ta' Novembru 2023 li jinsab hawn anness u mmarkat bħala 'Dok AS1', qegħdin jagħmluh issa permezz ta' din il-kawża billi jippreżentaw l-istess dokumenti annessi mar-rikors promotur. Dawn il-manuvri m'għandhomx jiġu aċċettati minn din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju, azzjoni dwar validità o meno ta' liġi ma tistax tintalab permezz ta' dawn il-proċeduri kostituzzjonali iżda permezz ta' kawża ntavolata taħt l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni (*actio popularis*) u huwa għalhekk li t-talbiet għal nullità u invalidità tal-Artikolu 34(1) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta mir-rikorrenti huma mproponibbli u mhumiex permissibbli f'tali proċeduri;

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti, għal dak li jirrigwarda l-mertu tal-kwistjoni, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda *in toto* fil-fatt u fid-dritt peress li l-Artikolu 34(1) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u ċ-ċirkostanzi tal-każ assolutament ma jirrappreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

4. Illi sabiex nagħrfu sew l-importanza tal-artikolu 34(1) tal-Kap. 373, huwa essenzjali li l-ewwel u qabel kollox nifhmu l-funzjoni li għandu l-Korp liema funzjoni mhix limitata biss għall-proċess ta' superviżjoni li jsir mill-Korp fuq persuni soġġetti. Tali monitoraġġ jista' jwassal għall-għoti tal-multa amministrattiva f'każ li jinstab li kien hemm ksur tal-obbligi mill-persuna soġġetta. Fil-fatt, l-artikolu 16 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti d-dettalji kollha dwar l-irwol speċjalizzat u essenzjali li jaqdi l-Korp. Fost affarijiet oħra, il-Korp huwa responsabbli:

a) għall-ġabra, l-kollazzjoni, l-ipproċessar, l-analisi u t-tixrid ta' informazzjoni bil-għan li jipprevjeni, jinkixef u

b'mod effettiv jiġi miġġieled *money laundering* u finanzjar ta' terroriżmu;

b) li jirċievi rapporti ta' operazzjonijiet jew attivitajiet li jkunu suspettati li jinvolvu *money laundering* jew finanzjar ta' terroriżmu jew proprjetà li setgħet inkisbet direttament jew indirettament minn, jew li tkun tikkostitwixxi r-rikavat ta', attività kriminali magħmul minn xi persuna suġġetta; jagħti struzzjonijiet lil persuna suġġetta li tieħu dawk il-miżuri li jitqiesu meħtieġa sabiex tkun faċilitata analisi dwar money laundering jew finanzjar ta' terroriżmu b'mod ġenerali jew l-analisi ta' rapport riċevut mill-Korp taħt l-artikolu 16(1)(a);

c) li jiġbor informazzjoni dwar l-attivitajiet finanzjarji u kummerċjali fil-pajjiż għal finijiet analitiċi bil-għan li jikxef oqsma ta' attivitajiet li jistgħu jkunu vulnerabbli għal money laundering jew finanzjar ta' terroriżmu.

5. Illi dawn huma biss ftit funzjonijiet mill-irwol vast tal-Korp. Wieħed għandu jifhem li x-xogħol li għandu l-Korp mhux wieħed faċli u l-artikoli tal-Kap. 373 qegħdin hemm biex jissalvagwardjaw il-funzjonijiet tant partikolari li għandu l-Korp;

6. Tenut kont ta' dawn il-funzjonijiet, l-esponent iqis li issa huwa iktar limpidu l-għan wara l-artikolu 34(1) li jipprojbixxi lill-uffiċjali, l-impjegati u l-aġenti tal-Korp, sew jekk ikunu għadhom fis-servizz tal-Korp sew jekk le, milli jiżvelaw informazzjoni ħlief f'ċerti ċirkostanzi msemmija fl-istess paragrafu, li huma biss eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali, fejn il-leġislatur qed jispeċifika fejn u meta huwa permissibbli li ċertu informazzjoni tingħata. Issa din il-kunfidenzjalita' qiegħda hemm sabiex l-ewwelnett jiġu protetti dokumenti li jikkontjenu informazzjoni nazzjonali jew internazzjonali dwar persuni soġġetti u terzi persuni li jistgħu jissemmew f'tali dokumenti; kif ukoll sabiex ma jinkixfux u ma jkunx hemm dak l-hekk imsejjaħ 'tipping off' fir-rigward ta' investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin jew informazzjoni oħra – liema kxif jista' jwassal għall-konsegwenzi gravużi msemmija fl-artikolu 33 tal-Kap. 373 u ċjoe – uffiċjal jew impjegat tal-Korp jista' jeħel multa ta' mhux iżjed minn €116,468.67 jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn ħames snin jew dik il-multa u priġunerija flimkien;

7. Illi jidher li dak li wassal lir-rikorrenti sabiex jintavolaw dawn il-proċeduri kien proprju l-fatt li l-Qorti Kriminali tat żewġ digrieti li bihom laqgħet ir-rikors tal-uffiċjali tal-Korp sabiex ma jitilgħux jixhdu u dan ai termini tal-artikolu 34(1) tal-Kap. 373; kif ukoll ċaħdet talba għal rikonsiderazzjoni. L-istess japplika għal dak li ġara fil-kawża kostituzzjonali msemmija f'paragrafu 1 ta' din ir-risposta fejn ir-rikorrenti wkoll qed jilmentaw mid-digrieti tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali). Fil-fatt, tali proċeduri ukoll qed jistennew l-eżitu ta' digriet ieħor u dan wara d-digriet tat-3

ta' Novembru 2023. Hawnhekk l-esponent jagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-24 ta' Ġunju 2011 fl-ismijiet Peter Paul Muscat v. Mario Muscat f'ismu proprju, kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tas-socjeta` Muscat Marine Limited (C-15259) et: "*Il-Qrati taghna ghamluha cara kemm-il darba li rikors kostituzzjonali ma jistax jitqies li huwa appell jew inkella ritrattazzjoni mid-decizjonijiet tal-qrati ordinarji*[10] *u l-Qorti Kostituzzjonali mhix Qorti tat-Tielet Istanza.*[11] ***...*** *Minn qari tar-rikors promotur johrog bic-car li dak li r-rikorrenti ma rnexxilux jottjeni fl-Ewwel Istanza u fit-Tieni Istanza, issa qieghed jipprova jottjenieh tramite r-rimedju kostituzzjonali.*"[12] [3](enfasi miżjuda mill-esponent);

8. Illi dan huwa preċiżament dak li qed jippruvaw jagħmlu r-rikorrenti tramite l-proċeduri odjerni u għalhekk ir-raġunament preċitat tal-Qorti Kostituzzjonali għandu jiġi applikat għall-każ odjern. Mill-premessi tar-rikors promotur huwa evidenti li r-rikorrenti nehdew il-proċeduri odjerni għax ma qablux mad-digrieti tal-Qrati li mxew skont l-artikolu 34(1);

9. Illi dan ifakkar lill-esponent f'dak li qalet din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, riċentement fis-sentenza fl-ismijiet Jeremy Cauchi et vs Avukat tal-Istat et, deċiża fit-12 ta' Ġunju 2024: "*F'dan il-każ jidher ċar li r-rikorrenti ma qablux mal-apprezzament li sar mill-Qorti Kostituzzjonali u qed jippruvaw jappellaw minnu. Din il-Qorti ċertament mhix ser tippermetti li dan jiġri.*"

10. Illi l-qrati tagħna dejjem kienu tal-fehma li bilfors għandhom jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi, biex jiddeterminaw jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, iridu jixtarru l-proċess kollu kemm hu. Ir-rikorrenti huma kkonċernati biss mill-kwistjoni li tolqot direttament lilhom u mhux jaraw u lanqas iridu jaraw l-istampa sħiħa. Biex din l-Onorabbli Qorti ssib ksur tad-dritt tas-smigħ xieraq ma tistax tiffoka biss fuq il-parti li tikkonċerna lilhom imma trid tara l-isfond kollu wara l-intenzjoni tal-leġislatur u l-piż u l-konsegwenzi ta' tali artikolu li r-rikorrenti qed jittantaw iġibu fix-xejn – ara Anthony Zarb vs Ministru għall-Ġustizzja, Qorti Kostituzzjonali deċiż nhar is-16 ta' Ottubru 2022. Wara kollox, fil-proċeduri kriminali, oriġinarjament, ix-xhieda tal-uffiċjali tal-Korp kienet mitluba mill-Prosekuzzjoni u mhux mir-rikorrenti u kien proprju dak li eventwalment wassal għal dawn il-proċeduri;

---

[3] *Ara f'dan is-sens* ***Khallouf Fatha v. Kummissarju tal-Pulizija****, deciza fit-28 ta' Dicembru 2001, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali)*
[11] ***Joseph Vella v. Avukat Generali****, deciza fl-14 ta' Dicembru 2001, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali)*
[12] ***Domenico Savio Spiteri v. Avukat Generali****, deciza fit-2 ta' Ottubru 2001, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali)*

> 11. Fil-fehma tal-esponent, din l-Onorabbli Qorti għandha tħares, kemm lejn l-irwol sħiħ tal-Korp biex tifhem aħjar l-importanza tal-artikolu 34(1) tal-Kap. 373, kif ukoll lejn il-proċeduri kriminali u kostituzzjonali fit-totalità tagħhom u jekk dawn kinux immexxija b'ġustizzja (ara Perit Joseph Mallia vs Onor. Prim Ministru, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-15 ta' Marzu 1996; J.E.M Investments Limited vs Avukat Ġenerali – deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Settembru 2011). Fis-sewwa, biex din l-Onorabbli Qorti tkun tista' tagħmel dan, il-proċeduri kemm kriminali u kostituzzjonali għandhom jaslu fi tmiemhom inkella din l-Onorabbli Qorti qatt ma tista' teżamina proċess sħiħ;
>
> 12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

4. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura u l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

5. Rat is-sottomissjonijiet bil-kitba li ġew preżentati;

6. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi maqtugħa;

Ikkunsidrat:

7. Illi din hija kawża li permezz tagħha r-rikorrenti qed isostnu li l-artikolu 34(1) tal-Att kontra *Money Laundering*[4] (minn issa 'l quddiem imsejjaħ biss bħala «l-Att») qed iwassal għal vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tagħhom għal smigħ xieraq, liema dritt huwa protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

8. Il-fatti rilevanti huma dawn.

9. Is-soċjetà rikorrenti kienet tipprovdi servizzi finanzjarji, u bħala tali kienet titqies persuna soġġetta fis-sensi tar-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu. Ir-rikorrenti l-oħrajn kienu, fiż-żmien rilevanti, diretturi tas-soċjetà rikorrenti.

[4] Kapitolu 373 tal-liġijiet ta' Malta.

10. Fl-20 ta' Ġunju 2018[5], il-Korp intimat avża lis-soċjetà rikorrenti, li f'dik l-epoka kien jisimha MFSP Financial Management Limited, li kienet ġiet imposta piena amministrattiva fis-somma ta' €38,750 b'konsegwenza ta' ksur tal-obbligazzjonijiet tagħha taħt ir-Regolamenti preċitati. Din il-piena amministrattiva tħallset fl-10 t'Awwissu 2018[6].

11. Sussegwentement ir-rikorrenti Falzon u Pace ġew mixlija b'numru ta' reati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja, u mqiegħda taħt att ta' akkuża bin-numru 23/2023. Fost ir-reati addebitati lilhom, hemm dawk ta' ħasil ta' flus[7].

12. Waqt li kienet għaddejja l-kumpilazzjoni fil-konfront tagħhom, ir-rikorrenti ressqu kawża kostituzzjonali permezz tar-rikors bin-numru 764/2021 MH fl-ismijiet *Lorraine Falzon, Matthew Pace u Zenith Finance Limited vs. L-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat*, li għadha pendenti, u li fiha qed jilmentaw dwar ksur tal-jedd tagħhom ta' *ne bis in idem*. Matul is-smigħ ta' din il-kawża, ir-rikorrenti wkoll talbu li jiġu prodotti bħala xhieda uffiċċjali tal-Korp intimat. Taħrikiet maħruġa fil-konfront ta' dawn l-uffiċċjali ġew parzjalment revokati *contrario imperio* minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, b'dikriet tat-3 ta' Novembru 2023[8], li permezz tiegħu ġie deċiż illi wieħed mill-uffiċċjali in kwistjoni jixhed fuq xi dokumenti li kienu fl-atti. Jidher ukoll li dakinhar ġie mogħti dikriet ieħor li bih ġew sfilzati dokumenti oħrajn mill-atti.

13. Ir-rikorrenti sussegwentement talbu r-rikonsiderazzjoni ta' dan id-dikriet, liema talba ġiet milqugħa b'dikriet ieħor tal-25 ta' Settembru 2024[9]. B'konsegwenza ta' dan l-aħħar dikriet, tħallew fl-atti dokumenti oħrajn eżebiti mir-rikorrenti, u ġie varjat ukoll id-dikriet l-ieħor mogħti fl-istess jum li bih l-uffiċċjali tal-Korp intimat li tħalla jixhed ġie ordnat ukoll biex jixhed dwar id-dokumenti l-oħrajn li issa tħallew fl-atti ta' dik il-kawża.

---

[5] Fol.22.
[6] Fol.24.
[7] Ara x-xiehda bl-affidavit tar-rikorrenti Pace, a fol.103.
[8] Fol.65.
[9] Fol.81.

14. Ir-rikorrenti għażlu li l-każ tagħhom jinstema' minn ġuri. Huma ssollevaw, bħala l-ewwel eċċezzjoni tagħhom[10], dik ta' *ne bis in idem*, billi sostnew li kienu qed jiġu mixlija dwar fatti li dwarhom diġà ġew ikkundannati meta l-Korp intimat impona fuqhom il-piena amministrattiva msemmija aktar qabel[11].

15. Waqt l-udjenza tad-9 t'April 2024 quddiem il-Qorti Kriminali, l-avukati tar-rikorrenti talbu lil dik il-Qorti l-opportunità li jressqu żewġ xhieda dwar l-ewwel eċċezzjoni tagħhom, liema awtorizzazzjoni ingħatat f'dik l-udjenza stess[12].

16. B'dikriet mogħti fil-21 ta' Mejju 2024, il-Qorti Kriminali laqgħet talba mressqa minn uffiċċjal tal-Korp intimat u b'hekk irrevokat *contrario imperio* l-mandat ta' taħrika ta' xhud fil-konfront tal-istess uffiċċjal sabiex jixhed quddiem dik il-Qorti b'rabta mal-ewwel eċċezzjoni tal-akkużati. Din it-talba kienet proprju bażata fuq dak li jipprovdi l-artikolu 34 tal-Att[13].

17. Fis-26 ta' Ġunju 2024, ir-rikorrenti talbu lill-Qorti Kriminali tirrikonsidra d-dikriet tagħha. Din it-talba ġiet miċħuda fis-27 ta' Ġunju 2024[14].

18. Ftit jiem wara r-rikorrenti ressqu din il-kawża.

Ikkunsidrat:

19. Illi huwa opportun li qabel xejn jiġu ndirizzati xi eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati.

20. Il-Korp intimat jeċċepixxi li huwa m'huwiex il-leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni sa fejn l-ilmenti tar-rikorrenti jirrigwardaw il-validità ta' liġi ordinarja.

21. Dan huwa minnu. Huwa stabbilit f'bosta deċiżjonijiet issa li fejn persuna timpunja liġi ordinarja u l-applikazzjoni tagħha bħala l-għajn tal-vjolazzjoni ta' xi

---

[10] Fol.110.
[11] Ara wkoll ix-xiehda bl-affidavit tar-rikorrenti Falzon, a fol.105.
[12] Fol.39.
[13] Fol.25-38.
[14] Fol.135.

dritt fundamentali, il-leġittimu kontradittur huwa dejjem l-Avukat tal-Istat (ara, per eżempju, ***Glen Bedingfield vs. Kummissarju tal-Pulizija et***, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Lulju 2000[15]; u ***Alfred Spiteri et vs. Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta et***, Qorti Kostituzzjonali, 7 t'Ottubru 2013). Dan però ma jfissirx li ħadd aktar m'għandu jiġi mħarrek fil-kawża.

22. Kif intqal fid-deċiżjoni ***Mario Scicluna pro et noe vs. Avukat Ġenerali et*** (Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Mejju 2023): «*Dawn il-Qrati tennew għadd ta' drabi li f'kawżi ta' din ix-xorta hemm diversi kategoriji ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kontradditturi, fosthom persuni li jista' jkollhom interess fil-kawża bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni*».

23. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, ir-rikorrenti qed jilmentaw li l-għajn tal-vjolazzjoni li qiegħdin iġarrbu huwa l-impediment impost mil-liġi sabiex jixhdu l-uffiċċjali tal-Korp intimat fil-proċeduri penali. Dan l-impediment ikkonkretizza ruħu f'dawk il-proċeduri permezz ta' rikors li sar minn uffiċċjal tal-Korp intimat stess, li wassal għad-dikrieti li bihom ir-rikorrenti ġew miżmuma milli jipproduċu x-xhieda li xtaqu. Dawn id-dikrieti b'hekk temmew episodju interlokutorju fil-proċeduri penali li fihom il-Korp intimat kien parti, tant li seħħew fuq talba tiegħu stess. Il-ġurisprudenza ċitata aktar qabel tagħraf li l-persuni li, għalkemm mhux responsabbli għall-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali, jista' jkollhom interess fid-deċiżjoni dwar dawk l-istess drittijiet għaliex l-għoti tar-rimedju jista' jolqot ukoll il-pożizzjoni tagħhom, għandhom ukoll ikunu parti fil-proċediment kostituzzjonali sabiex jiġi mħares dak li jipprovdi l-artikolu 237 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

24. Naraw l-applikazzjoni frekwenti ta' dan il-prinċipju f'kawżi dwar ksur tad-dritt fondamentali tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti, fejn l-inkwilin huwa ċitat bħala intimat, kif ukoll f'kawżi fejn jiġi allegat il-ksur ta' smigħ xieraq fi proċeduri ġudizzjarji, fejn il-kontro-parti f'dawk il-proċeduri wkoll jiġu ċitati għall-integrità tal-ġudizzju, proprju bil-għan illi jekk jingħata rimedju li jkun jolqot dawk l-istess

[15] Kollezz. Vol.LXXXIV.i.232.

proċeduri, dak ir-rimedju jorbot lil kull parti interessata li tkun b'hekk ukoll ingħatat kull opportunità li tinstema'.

25. Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat:

26. Illi l-Avukat tal-Istat, permezz tat-tieni eċċezzjoni tiegħu, jgħid li l-azzjoni meħuda mir-rikorrenti hija ħażina, għaliex kellha ssir taħt l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni. Skont l-Avukat tal-Istat, il-validità ta' liġi tista' tiġi mpunjata biss taħt l-artikolu 116.

27. Il-Qorti ma taqbilx ma' din l-eċċezzjoni. L-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea jagħmluha ċara li kull liġi ordinarja li tkun «inkonsistenti» mad-drittijiet fundamentali tutelati f'kull strument rispettiv għandha titqies «mingħajr effett», u fuqha għandu jipprevali d-dritt fundamentali kif tutelat. Dan ifisser li liġi ordinarja tista' titqies invalida, jew aħjar bla effett, anki fejn din tkun tikkozza mad-drittijiet fundamentali ta' xi persuna. Dan huwa proprju l-iskop prinċipali tal-kawża odjerna.

28. Għalhekk anki din l-eċċezzjoni qed titwarrab.

Ikkunsidrat:

29. Illi jmiss issa li jiġi kkunsidrat il-meritu, flimkien mal-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-intimati.

30. Il-kwistjoni kollha ddur madwar l-applikazzjoni tal-artikolu 34(1) tal-Att, li jgħid hekk:

> Il-Korp, u l-uffiċjali, l-impjegati u l-aġenti tiegħu, sew jekk ikunu għadhom fis-servizz tal-Korp sew jekk le, għandhom jittrattaw kull informazzjoni u dokument li huma jiksbu fit-twettiq ta' dmirijiethom jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att bħala kunfidenzjali, u ma għandhom jikxfu ebda informazzjoni jew dokument li

> jkollhom x'jaqsmu mal-affarijiet tal-Korp jew ta' xi persuna, li huma jkunu kisbu fit-twettiq ta' dmirijiethom jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att ħlief:
>
> (a) meta jkunu awtorizzati jagħmlu dan taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;
> (b) għall-fini tal-qadi ta' dmirijiethom jew l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att;
> (ċ) quddiem xi qorti jew tribunal kompetenti fi proċedimenti ta' appell li jkunu saru skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13A, jew fi proċedimenti li l-Korp ikun parti fihom għall-fini tal-infurzar ta' xi piena imposta mill-Korp taħt dan l-Att; u
> (d) fil-forma ta' ġabra ta' data jew informazzjoni statistika oħra, li fl-opinjoni tal-Korp ma twassalx għall-identifikazzjoni ta' xi persuna speċifika u li ma tippreġudika ebda analisi jew investigazzjoni.

31. Din id-dispożizzjoni tipprovdi ċ-ċirkostanzi meta l-Korp u l-uffiċċjali tiegħu jistgħu jikxfu informazzjoni miksuba fit-twettiq ta' dmirijiethom u tal-mansjonijiet tagħhom. Dawn iċ-ċirkostanzi mhux neċessarjament tassattivi, tant li l-paragrafu (a) taħt l-artikolu 34(1) jagħmel riferenza għal dispożizzjonijiet oħrajn tal-Att li jistgħu jiġġustifikaw dak il-kxif[16]. Iżda ma jirriżultax li l-Att jikkontempla ċ-ċirkostanza li fiha l-membri tal-Korp jixhdu fi proċeduri kriminali.

32. Min-naħa l-oħra, hija kontemplata l-possibilità li l-istess membri jixhdu fi proċeduri «*quddiem xi qorti jew tribunal kompetenti fi proċedimenti ta' appell li jkunu saru skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13A, jew fi proċedimenti li l-Korp ikun parti fihom għall-fini tal-infurzar ta' xi piena imposta mill-Korp taħt dan l-Att*». La darba l-liġi tikkontempla b'mod speċifiku n-natura tal-proċeduri ġudizzjarji li fihom jistgħu jixhdu l-membri tal-Korp, għandu jsegwi li dik l-awtorizzazzjoni ma testendix ruħha għal proċeduri ġudizzjarji oħrajn, u għalhekk hija leġittima l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Kriminali li wasslitha biex tħassar *contrario imperio* t-taħrika ta' xhud bid-dikriet tal-21 ta' Mejju 2024.

33. Kif jgħidu l-intimati, hija regola stabbilita li lmenti dwar ksur ta' smigħ xieraq għandhom jitqiesu fil-kuntest sħiħ tal-proċeduri li dwarhom ikun nibet l-istess

[16] Hekk, per eżempju, l-artikolu 27A sa 27D tal-Att jikkontemplaw kxif awtorizzat ta' informazzjoni mill-Korp li m'huwiex espressament imsemmi fl-artikolu 34(1), imma li huwa leġittimat bis-saħħa tal-paragrafu (a) ta' dik id-dispożizzjoni.

ilment. Din hija regola li ilha żmien sewwa tiġi applikata. Insibu, per eżempju, li fid-deċiżjoni ***Emmanuel Formosa vs. Kummissarju tal-Pulizija*** (Qorti Kostituzzjonali, 16 t'April 1973) kien diġà ingħad hekk:

> Il-prinċipju aċċettat f'din il-materja tad-dritt għall-'fair trial' hu li l-apprezzament għandu jkun tal-ġudizzju kollu fl-assiem tiegħu (f'ensemble du process). Kif intqal fil-każ ta' Nielsen (Op. 343.57, Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Yearbook of the European Convention on Human Rights Vol.LV, p. 548), "the question whether the trial conforms to the standard laid down by paragraph (1) of Article 6 must be decided on the basis of a consideration of the trial as a whole, and not necessarily on the basis of an isolated consideration of one particular aspect of the trial or one particular incident". Dan naturalment ma jfissirx, kif intqal fl-istess deċiżjoni, li inċident jew aspett partikolari ma jistax f'każ kongruwu jkun tant prominenti u importanti li jkun deċiżiv "for the general evaluation of the trial as a whole".

34. Hekk ukoll ġie ritenut, fi żminijiet aktar riċenti, illi:

> Infatti, huwa risaput minn studju tal-ġurisprudenza in materja, li biex tiġi deċiża il-kwistjoni jekk ingħatax smiegħ xieraq jew le, skond l-artikoli Kostituzzjonali ċitati qabel, wieħed ma jistax, u ma għandux, sempliċement jiffoka fuq xi parti biss tal-proċess ġudizzjarju u jekk isib kwalunkwe nuqqas ikun x`ikun, allura wieħed ineżorabilment ikollu jikkonkludi li l-proċess ġudizzjarju kollu hu konsegwentement vizjat. Invece, biex wieħed jasal għal deċiżjoni jekk kienx hemm ksur tad-drittijiet fondamentali għal smiegħ xieraq, ikun meħtieġ li l-"iter" sħiħ tal-proċess ġudizzjarju jiġi analizzat. Il-valutazzjoni trid issir fuq l-assjem ta` l-elementi kollha li jifformaw il-proċess ġudizzjarju, għax hu biss minn tali valutazzjoni komprensiva li wieħed jista` jasal biex raġjonevolment jiddeċiedi jekk kienx hemm vjolazzjoni ta` l-imsemmi dritt fondamentali.[17]

35. Din ir-regola m'hijiex bla eċċezzjonijiet. Fil-fatt huwa miżmum li, fejn l-ilment ikun dwar dewmien irraġjonevoli, mhux meħtieġ li r-rikorrent jistenna l-għeluq tal-proċeduri qabel iressaq l-ilment tiegħu. Fid-deċiżjoni ***Olive Gardens***

[17] ***Anthony Zarb et vs. Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali et*** (Qorti Kostituzzjonali, 16 t'Ottubru 2002).

***Investments Limited vs. Avukat tal-Istat et*** (Qorti Kostituzzjonali, 22 ta' Ġunju 2022) intqal:

> Il-Qorti taqbel mas-soċjeta` appellanti illi peress li l-ilment tagħha ta' ksur tad-dritt ta' smiegħ xieraq jirrigwarda allegat dewmien irraġonevoli fi proċeduri ġudizzjarji, ma hemmx bżonn li l-proċeduri jkunu ntemmu sabiex dan l-ilment jiġi trattat. Dan irrispettivament mill-fatt li l-proċeduri numru 65/2017 mhumiex proċeduri kriminali, kif jargumenta l-appellat Farrugia. Kif sewwa targumenta s-soċjeta` appellanti, kemm fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea u kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin, ilment dwar tul irraġonevoli fi proċeduri ġudizzjarji jista' jitressaq quddiem il-Qorti u jiġi deċiż anke qabel ma jingħalqu dawk il-proċeduri.

36. Huwa wkoll minnu li l-artikolu 4(1) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li, «*Kull persuna li tallega li xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jkun ġie, ikun qed jiġi jew ikun x'aktarx ser jiġi miksur dwarha...*», filwaqt li l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi, «*Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha...*». Iż-żewġ dispożizzjonijiet jipprovdu li persuna tista' taġixxi quddiem din il-Qorti dwar vjolazzjoni li "aktarx" se tiġri, u kwindi huwa evidenti li mhux meħtieġ li l-leżjoni tkun konsumata qabel ma jkun hemm lok li ssir kawża bħal dik odjerna.

37. Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża ***Glenn Bedingfield vs. Kummissarju tal-Pulizija et***[18] osservat li: «*Biex wieħed jista' jallega li "x'aktarx ser jiġi miksur" xi dritt fondamentali il-fatti jridu jkunu tali li jistgħu jwasslu raġjonevolment għal stat ta' fatt determinat, liema stat ta' fatt ikun jikkozza ma' xi wieħed jew aktar mid-drittijiet fondamentali tal-bniedem*». Hekk ukoll, ġie osservat mill-istess Qorti fil-kawża ***Joseph Hili magħruf bħala Nadia Hili vs. L-Avukat Ġenerali et*** li: «*Huwa appena neċessarju jingħad li biex wieħed jista' leġittimament jinvoka l-intervent u l-protezzjoni tal-Qorti f'materja ta' drittijiet fondamentali irid jirrisulta li dritt fondamentali – wieħed jew aktar – ikun ġie, ikun qed jiġi jew ikun*

[18] 7 t'April 2003.

*x'aktarx ser jiġi miksur (Art. 4(1) tal-Kap. 319). L-espressjoni x'aktarx ma tfissirx li jista' possibilment ikun hemm fil-futur xi ksur ta' tali dritt, iżda timplika li, fil-każ konkret u mhux sempliċement ipotetiku, il-ksur ravviżat huwa wieħed reali u imminenti*»[19].

38. Huwa għalhekk fil-kuntest ta' dawn l-osservazzjonijiet li l-Qorti trid tqis l-ilment tar-rikorrenti, la darba din l-azzjoni tagħhom hija waħda preventiva min-natura tagħhom, fis-sens li huma qed jaġixxu b'din il-kawża sabiex evidentement jevitaw vjolazzjoni li skont huma se sseħħ jekk din il-Qorti ma tintervjenix. U skont il-ġurisprudenza fuq ċitata, l-intervent tal-Qorti jkun ġustifikat biss jekk ikun jirriżulta li tali ksur huwa «reali u imminenti».

39. L-artikolu 39(6) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:

> Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –
> …
> (d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni;
> …

40. Similment, l-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea jgħid hekk:

> Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:
> …
> (d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;
> …

41. Intqal dwar din id-dispożizzjoni li: «*This provision is closely related to the principle of the 'equality of arms' as an element of a 'fair hearing' in the sense*

[19] 30/5/2003.

*of the first paragraph. Consequently the Court often examines an alleged violation of the provision under (d) under the two provisions taken together… The Court has deduced from the fact that an accused person is 'entitled to take part in the hearing and to have his case heard in his presence by a tribunal', that all the evidence should 'in principle be produced in the presence of the accused at a public hearing with a view to adversarial argument'. However it is not inconsistent with paragraph 3(d) and paragraph 1 to use as evidence statements made at the pre-trial stage as long as the accused has been given: 'an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage of the proceedings'*»[20].

42. Issa fil-każ odjern, l-ilment tar-rikorrenti huwa dwar xhieda li huma jridu jressqu in sostenn tal-każ tagħhom, u mhux dwar id-dritt tagħhom għal kontro-eżami ta' xhieda imressqin mill-prosekuzzjoni. Għaż-żewġ ipoteżijiet fil-fatt jgħoddu konsiderazzjonijiet differenti.

43. Id-dritt tal-akkużat li jipproduċi xhieda in sostenn tal-każ tiegħu m'huwiex wieħed assolut. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fid-deċiżjoni ***Doorson vs. The Netherlands*** (26 ta' Marzu 1996) fil-fatt osservat hekk:

> It is true that Article 6 (art. 6) does not explicitly require the interests of witnesses in general, and those of victims called upon to testify in particular, to be taken into consideration. However, their life, liberty or security of person may be at stake, as may interests coming generally within the ambit of Article 8 (art. 8) of the Convention. Such interests of witnesses and victims are in principle protected by other, substantive provisions of the Convention, which imply that Contracting States should organise their criminal proceedings in such a way that those interests are not unjustifiably imperilled. Against this background, principles of fair trial also require that in appropriate cases the interests of the defence are balanced against those of witnesses or victims called upon to testify.

[20] ***van Dijk & van Hoof***, Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (3rd Edition), pġi.473-474.

44. M'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti tiddeċiedi dwar il-kongruwenza ta' dispożizzjoni li tippermetti l-kxif ta' informazzjoni fi proċeduri ġudizzjarji, iżda ma tippermettix il-kxif tal-istess informazzjoni fi proċeduri oħrajn. Il-kompitu tal-Qorti huwa li tqis jekk dik il-limitazzjoni, fil-każ tar-rikorrenti, hijiex tali li aktarx twassal għal vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tagħhom.

45. Kif jgħidu l-intimati fin-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tagħhom, il-Qorti tifhem li r-restrizzjoni maħluqa fl-artikolu 34(1) tal-Att issegwi għan leġittimu, u ċjoè dak li l-funzjonijiet eżerċitati mill-Korp intimat jiġu mwettqin b'kunfidenzjalità u segretezza kif inhu kompatibbli man-natura tal-istess funzjonijiet, kif ukoll sabiex l-eżerċizzju u r-riżultat tat-twettiq ta' dawk l-istess funzjonijiet ma jkunux intralċjati u mfixkla minn persuni li jistgħu ikunu qed jiġu indagati. Fuq kollox, huwa wkoll skop ta' dik id-dispożizzjoni li toħloq piena u sanzjoni kontra min jikser dak l-obbligu ta' kunfidenzjalità. B'rilevanza akbar għall-meritu tal-każ odjern, il-Qorti tifhem li l-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-Korp intimat ikunu mfixkla kieku kien possibbli li kull persuna tipproduċi lill-membri tiegħu bħala xhieda fi proċeduri ġudizzjarji b'mod indiskriminat. F'dan ir-rigward ġie awtorevolment miżmum li:

> The entitlement to disclosure of relevant evidence is not, however, absolute. The Court has acknowledged that it may be necessary to withhold certain evidence in order to protect the fundamental rights of another individual or to safeguard an important public interest, e.g. to protect national security or witnesses, or to keep secret police methods of investigation. Restrictions must, in those situations, be limited to what is strictly necessary and the impact on the defence must be sufficiently counterbalanced by procedures.[21]

46. Bħal kull restrizzjoni oħra li ssegwi għan leġittimu, huwa neċessarju li din tkun proporzjonata, b'dan illi huwa min jallega l-isproporzjonalità li jrid jipperswadi lill-Qorti dwarha. Dan ir-rikorrenti m'għamluhx.

[21] ***Reid,*** A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (7th Edition, 2023), pġa.217.

47. Hija regola bażika tal-evidenza dik li il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib[22]. Regola din li tgħodd ukoll fi proċeduri kriminali[23]. Dan ifisser li fejn parti hija prekluża milli ġġib ċertu prova, tista' tipprova l-fatt allegat minnha permezz ta' provi oħrajn, anki sekondarji. Dan mhux xi prinċipju novell, imma huwa wieħed miżmum minn żmien ilu. Kemm hu veru, insibu li fid-deċiżjoni ***Francesco Zammit vs. Carmelo Azzopardi*** (Appell Kummerċjali, 12 ta' Novembru 1951)[24] intqal hekk:

> Huwa elementari li għandha dejjem tinġieb l-aħjar prova; u għalhekk, jekk id-dokument stess hu produċibli, indubbjament id-dokument stess hu l-aħjar prova tal-kontenut tiegħu stess. Iżda x'isir jekk id-dokument ma jistax jinstab? Kif ingħad, il-liġi proċedurali maltija ma tikkontemplax il-każ, li hu każ ta' ammissibilità ta' "secondary" minflok "primary evidence", meta din ta' l-aħħar ma hix possibili. Verament "per impliciter", il-każ hu aċċennat, almenu fl-art. 558, Kap. 15[25], fejn il-liġi tgħid:- "In all cases the Court shall require the best evidence that the party may be able to produce"; u jekk l-oriġinal mhux prokurabili, l-aħjar prova li parti tista' ġġib tkun prova oħra, inevitabilment.

48. Prinċipju li kif ingħad jgħodd ukoll fil-Qrati Kriminali[26], *multo magis* meta l-prova in kwistjoni tkun tirrigwarda fatt allegat mill-akkużat, li huwa tenut bl-istess grad ta' prova applikabbli fi proċeduri ċivili.

49. Fil-każ tal-lum, il-Qorti tifhem li sabiex isostnu l-eċċezzjoni tagħhom ta' *ne bis in idem*, huwa biżżejjed għar-rikorrenti li jressqu prova tad-deċiżjoni li permezz tagħha ġiet imposta l-piena amministrattiva li tikkostitwixxi l-pern tal-eċċezzjoni msemmija. Din id-deċiżjoni, li ċertament tinsab fil-pussess tar-rikorrenti, se jkun fiha t-tagħrif kollu neċessarju, inkluż il-fatti dwar liema ġiet imposta dik il-multa u l-entità tal-multa nnifisha. Dan id-dokument jitqies prova tal-kontenut tiegħu diment li jkun awtentikat[27], u ma jirriżultax li l-artikolu 34(1) tal-Att huwa ta' xkiel biex tali dokument ikun awtentikat. Fuq kollox, l-artikolu 34(1) jawtorizza l-kxif

---

[22] Artikolu 559 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
[23] Artikolu 520(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali.
[24] Kollezz. Vol.XXXV.i.298.
[25] Illum l-artikolu 559 tal-Kapitolu 12.
[26] Ara per eżempju ***Regina vs. Henry Vella*** (Qorti Kriminali, 17 ta' Frar 1899 – Kollezz. Vol.XVII.iv.1).
[27] Artikolu 629(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li huwa applikabbli għall-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bis-saħħa tal-artikolu 520(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali.

ta' informazzjoni in diżimpenn tal-funzjonijiet tal-Korp intimat, u la darba dawk il-funzjonijiet jiġġustifikaw l-għoti ta' deċiżjoni bħal dik li tingħata lill-persuni soġġetti, li b'hekk tiġi f'ċirkolazzjoni, isegwi li jiġġustifikaw ukoll il-possibilità li kopja ta' dik id-deċiżjoni tiġi wkoll awtentikata.

50. Ir-rikorrenti ma fissrux għaliex ix-xiehda tal-membri tal-Korp intimat hija indispensabbli sabiex isostnu din l-eċċezzjoni tagħhom, u dan kien fid-dmir tagħhom illi jagħmluh (ara f'dan is-sens id-deċiżjoni ***Murtazaliyeva vs. Russia***, QEDB, 18 ta' Diċembru 2018[28]). L-argument tar-rikorrenti pjuttost kien li l-projbizzjoni kontenuta fl-artikolu 34(1) hija oġġettivament leżiva fil-konfront tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, għaliex ma tippermettilhomx li jressqu l-aħjar prova. Il-Qorti però ma taqbilx ma' din il-pożizzjoni, u filwaqt li ma teskludix li jistgħu jeżistu ċirkostanzi fejn dik il-projbizzjoni twassal għal ksur tal-imsemmija dispożizzjonijiet kostituzzjonali u konvenzjonali, dawk iċ-ċirkostanzi jridu jintwerew minn min jallegahom.

51. Din il-Qorti nnotat ukoll kif il-Qorti Kriminali, fid-dikriet tagħha tal-21 ta' Mejju 2024, tat direzzjoni lill-akkużati «*sabiex, jekk iridu, jagħmlu referenza għal provi u/jew dokumenti li diġà jinsabu fl-atti proċesswali ta' din il-kawża u kif ukoll għal dawk illi jinsabu fi proċeduri oħrajn quddiem Qrati oħra, b'dan illi, għal kull buon fini, huma awtorizzati, illi fir-rigward tal-aħħar, jippreżentaw verakopja tal-istess*». Fil-fehma tagħha, dan il-provvediment jikkostitwixxi bilanċ favur l-interessi tad-difiża skont il-ħtiġiet tal-artikoli 39 u 6, kif spjegat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-deċiżjoni ***Doorson***, fuq ċitata. Ir-rikorrenti ma fissru b'ebda mod kif u għaliex dan il-provvediment huwa insuffiċċjenti fil-ħarsien tal-interessi tagħhom.

52. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk l-ilment tar-rikorrenti jfalli.

53. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[28] B'mod partikolari, viz. §§160-168.

(i) tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat billi l-meritu tagħha ġie eżawrit bid-dikriet mogħti minn din il-Qorti fid-9 t'Ottubru 2024;

(ii) tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Korp intimat u t-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat;

(iii) tilqa' l-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-intimati;

(iv) tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

(v) tordna li l-intimati jbatu bejniethom sest ($^{1}/_{6}$) tal-ispejjeż tal-kawża, filwaqt li r-rikorrenti jbatu bejniethom ir-rimanenti ħames sesti ($^{5}/_{6}$).

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur